MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Talba Numru. 836/2007

**Anthony (ID7948M) u Mary (ID467449M) konjugi Vella**

**vs**

**Joseph (ID135755M) u Catherine (ID630361M)konjugi Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' disa mija erbgha u disghin Ewro u disa' centezmi (€994.85) ekwivalenti ghal LM427.09 rapprezentanti hsarat fil-proprjeta' ta' l-atturi konsegwenza ta' xoghlijiet ta' zvilupp li l-istess konvenuti ghamlu fil-proprjeta' taghhom. Il-partijiet huma girien.

Peress illi l-atturi, bhala konsegwenza diretta ta' dawn ix-xoghlijiet il-hsara li giet ikkawzata fil-proprjeta' taghhom tammonta ghall-ammont ta' tliet mija u hamsa u disghin

Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu ta' dak iz-zmien dokument anness mat-talba, flimkien mall-ispejjez tal-Perit Joseph Attard li jammontaw ghal wiehed u tletin Lira Maltin u sittin centezmu ta' dak iz-zmien ( dokument anness mat-talba.)

Peress illi l-konvenuti permezz ta' ittra legali taghhom datata 2 ta' Ottubru, 2007 dokument anness mat-talba sahansitra jammettu li l-hsara saret fattwalment minnhom u anke ddikjaraw lli kienu lesti li jirrangaw dawn il-hsarat a spejjez taghhom;

Peress illi l-konvenuti ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal jkkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' tliet mija u hamsa u disghin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu ta' dak iz-zmien rappresentanti danni sofferti mill-istess atturi flimkien mall-ispejjez tal-Perit Joseph Attard li jammontaw ghal LM31.60 ta' dak iz-zmien total ta' LM427.09 ta' dak iz-zmien ekwivalenti ghal €994.85.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta l-ittra legali datata 19 ta' Settembru, 2007 lli tammonta ghal LM5 ta' dak iz-zmien, ekwivalenti ghal-€ 11.65, kif ukoll ghall-ittra legali datat 11 ta' Ottubru, 2007 annessa u li tammonta ukoll ghal LM5 ta' dak iz-zmien, ekwivalenti ghal-€ 11.65, bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Vella fejn issolleva lli t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv ecezzzjonijiet ulterjuri.

Ra mill-atti li l-konvenuta Catherine Vella baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra lli  l-konvenuta Catherine Vella naqset li tidher anki ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu   fis-seduta tal-11 ta' April, 2008,  mill-Avukat Dr Abigail Galea.

It-Tribunal jidhirlu lli l-konvenuta Catherine Vella naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Catherine Vella bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi u kif gew mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------